

# il-ħajja fl-ilma ħelu

Il-Gżejjer Maltin huma magħrufa għan-nuqqas ta' għadajjar kbar, xmajjar u ilma ħelu ieħor. Minkejja dan, f'Malta tinstab varjeta kbira ta' annimali li jgħaddu għall-inqas parti minn ħajjithom fl-ilma ħelu. Dan għaliex dawn il-ħlejjaq kapaċi jgħixu f'kull roqgħa ilma li jsibu, żgħira kemm hi żgħira. Hekk insibu dawn l-annimali f'ġibjuni, bjar, għadajjar tax-xita, nixxigħat u saħansitra fil-ftit ilma li jinġabar ġo laned mormija.

F'pajjiżna, il-ħajja ta' l-ilma ħelu tkun fl-aħjar tagħha bejn Settembru u Mejju. Fil-kumplament tas-sena ftit tagħmel xita, u s-sħana qawwija tas-sajf tnixxef ħafna mill-għadajjar ta' l-ilma. Minħabba f'dan, il-biċċa l-kbira ta' l-annimali li jgħixu fl-għadajjar igħaddu ż-żmien tas-sajf f'għamla li tiflaħ għan-nixfa, bħal ngħidu aħna, bajd jew fosdqiet fit-tajn xott.

Hemm tliet tipi ewlenien ta' annimali ta' l-ilma ħelu: dawk li jgħixu fuq wiċċ l-ilma; dawk li jgħumu u dawk li jimxu jew jitkaxkru fuq il-pjanti ta' l-ilma u fuq it-tajn tal-qiegħ. Fost ta' l-ewwel insibu nsetti żgħar suwed li jgħaddu ħajjithom jimxu fuq wiċċ l-ilma. Bl-Ingliż huma magħrufin bħala **pond skaters.** Ma jegħrqux għax il-piż tagħhom jinfirex fuq saqajhom twal.



*'pond skater'*

Ħafna aktar komuni huma dawk l-annimali li jgħumu. Fost dawn, l-iżjed magħrufa huma l-mrieżeb (**tadpoles**) li huma l-frieħ taż-żrinġ. Fl-ewwel jiem wara li jfaqqsu dawn jieklu pjanti mikroskopiċi iżda wara jibdew jieklu nsetti u annimali żgħar oħra. Biex il-marżebb isir żrinġ jieħu madwar xahrejn. Fin-nixfa tas-sajf, iż-żrinġijiet ifittxu postijiet mudlama u umda fejn jistaħbew sa ma terġa' tagħmel ix-xita.



*Gamblu ta' l-agħdajjar.*

Komuni wkoll fl-għadajjar tax-xita hu l-gamblu ta' l-għadajjar (**fairy shrimp**), annimal żgħir mir-razza tal-granċi. Dan il-gamblu jgħum wiċċu 'l fuq billi jaqdef bil-ħafna saqajn ċatti li għandu. Dawn is-saqajn jintużaw ukoll bħal passatur biex mill-ilma jsaffu pjanti mikroskopiċi li dan l-annimal jiekol.

Hemm ħafna nsetti li jgħixu fl-ilma ħelu. L-imqass ta' l-ilma (magħruf bl-Ingliż bħala **water-boatman**) ta' sikwit jinstab f'vaski u għadajjar jgħum fuq dahru taħt wiċċ l-ilma. Dan l-insett jaqdef bis-saqajn twal ta' wara li għandhom faxx suf twil biex igħinu f'dan ix-xogħol.



ALFRED E. BALDACCHINO

*Imqass ta' l-ilma ħelu li jinstab fl-agħdajjar u l-ġibjuni*

L-imqass ta' l-ilma jikkaċċja nsetti oħra kif ukoll imrieżeb, sikwit ta' daqs akbar minnu.

Fl-ilma nsibu wkoll numru ta' ħanfus differenti. L-akbar fost dawn hija l-wirdiena ta' l-ilma (hekk imsejħa għax tixbaħ wirdiena; bl-Ingliż magħrufa bħala **diving beetle**). Din tilħaq tul ta' aktar minn tliet ċentimetri, b'saqajn ta' wara qishom imqadef. Għalkemm tgħix taħt l-ilma, din il-ħanfusa xorta waħda trid tieħu n-nifs. Dan tagħmlu billi ġġor l-arja taħt il-qoxra tal-ġwienaħ, qisha xi bugħaddas żgħir.



*Wirdiena ta' l-ilma ħelu*

Wieħed ma jistax isemmi l-ilma bla ma jsemmi n-nemus. In-nemusa tbid il-bajd f'massa waħda li żżomm f'wiċċ l-ilma qisha ċattra żgħira. Minn dan il-bajd ifaqqas id-dudu tan-nemus li jgħum b'tgħawwiġ ta' ġismu. Kull ftit minuti d-dudu tan-nemus jitla' sa wiċċ l-ilma sabiex jieħu n-nifs minn tubu żgħir fuq denbu. Wara xi



*Dudu tan-nemus u l-fosdqa*

ġranet, dan id-dudu jinbidel u jsir fosdqa, li wkoll tgħum fl-ilma iżda li tieħu n-nifs minn żewġ qrun żgħar fuq rasha. Wara ftit żmien, il-fosdqa tinqasam u minnha toħroġ in-nemusa.

Fil-qiegħ ta' l-għadajjar ta' l-ilma ħelu nsibu wieħed mill-aktar insetti feroċi li nafu bihom. Dan huwa d-dudu tal-mazzarell (bl-Ingliż **dragonfly**). Dan id-dudu jistaħba qalb il-ħaxix tal-qiegħ fejn joqgħod jistenna xi nsett jew annimal ieħor jersaq fil-qrib. Il-mod kif jaqbad il-priża huwa tassew stramb. Taħt ħalqu għandu bħal xoffa twila li fit-tarf tagħha għandha żewġ ganċijiet. Id-dudu jispara dix-xoffa quddiemu u bil-ganċijiet tat-tarf jaħtaf il-priża, u jressaqha lejn ħalqu biex jikolha. Meta jkun kiber biżżejjed, id-dudu tal-mazzarell jitla' ma' xi zokk u joħroġ barra mill-ilma. Wara ftit taż-żmien il-qoxra tad-dudu tinqasam mid-dahar, u minnha joħroġ il-mazzarell li wara li jnixxef il-ġwienaħ dlonk jittajjar.



*Il-mod kif id-dudu tal-Mazzarell jaqbad l-ikel*



*Dudu tal-Mazzarell*

Hemm ħafna dubbien li jbidu l-bajd tagħhom fl-ilma u d-dudu li jfaqqas minn dawn



*Id-dudu tan-Naħla tal-Lellux*

igħix fuq il-ħama tal-qiegħ. Fost dawn ta' min isemmi d-dudu tan-Naħla tal-Lellux (din fil-fatt mhix naħla iżda tip ta' dubbiena li bl-Ingliz magħrufa bħala **Hoverfly**) u l-mod stramb li bih jieħu n-nifs. Dan id-dudu jħaffer fil-ħama u biex jieħu n-nifs għandu denb twil ħafna li jittawwal sa ma jilħaq wiċċ l-ilma u li minnu d-dudu jiġbed l-arja.

F'Malta jgħixu diversi speċi ta' bebbux ta' l-ilma ħelu. Għalkemm il-biċċa l-kbira huma żgħar, dawn huma nteressanti ħafna l-aktar għax numru minnhom jinstabu f'pajjiżna biss u mkien aktar fid-dinja. M'għandniex xi ngħidu, minħabba n-nuqqas ta' l-ilma f'pajjiżna, dan il-bebbux ma tantx huwa mferrex u għalhekk hemm bżonn li nħarsuh biex ma jinqeridx.

Ma nistgħux nitkellmu dwar ħlejjaq li jgħixu fl-ilma ħelu bla ma nsemmu l-qabru, magħruf ukoll bħala l-granċ ta' l-ilma ħelu. F'pajjiżna, dan il-granċ igħix biss f'postijiet fejn hemm l-ilma tul is-sena kollha, u billi ftit għandna minn dawn, il-qabru huwa annimal rari. Il-qabru jgħix ġo ħofor li jħaffer qrib l-ilma. Il-qabru juża dan l-ilma sabiex iżomm lilu nnifsu mxarrab għax jekk jinxef ma jkunx jista' jieħu n-nifs. Il-granċ joħroġ mit-toqba matul il-lejl sabiex jikkaċċja nsetti, bebbux u annimali oħra.

Fl-aħħar nett, ta' min igħid li ħafna ħlejjaq ta' l-ilma ħelu jinstabu f' periklu li jinqerdu għal kollox minn pajjiżna. Dan kemm minħabba n-nuqqas ta' l-ilma li għandna kif ukoll għax annimali bħall-marżebb u l-qabru qed jiġu maqbuda biex jinżammu ġo xi vażett għal ftit jiem qabel ma jintremew jew imutu. Għalhekk għandna nagħmlu minn kollox biex din il-qerda bla bżonn ma tkomplix. Jekk le, nitilfu parti unika u mportanti ħafna mill wirt naturali ta' pajjiżna.

JAMES L SCHEMBRI

*Il-ftit agħdajjar ta' l-ilma ħelu li nsibu f'pajjiżna xejn ma huma apprezzati*

SAVTOUR BALZAN

